MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 947/2006/1

**Carlo Salamone debitament awtorizzat jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Arredando Limited**

**vs**

**Sebastiano Vicario**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Mejju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenut tas-somma bilancjali ta’ elf, mitejn u erbghin lira Maltin (Lm1240) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu

stess. Illi minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Mejju 2005 u bl-imghax legali mid-data tal-fattur relattiva kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi (i) it-talba attrici kif dedotta hija ezagerata stante li s-somma kienet giet ridotta mill-attur kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza bis-sahha ta’ fatturi mahruga u ffirmati mill-attur nomine; (ii) illi inoltre, l-merkanzija imsemmija fit-talba mhux biss twasslet tard ghand il-konvenut izda ma kenitx tal-kwalita’ pattwita; (iii) illi l-qisien mehuda mill-attur nomine ma kienx precizi u s-socjeta’ attrici rrifjutat li tiehu lura l-madum zejjed li kien intbaghat lill-konvenut; salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-21 ta’ Gunju 2006 kontra s-socjeta’ attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha huwa qieghed jitlob l-ammont ta’ erba mija u sebghin lira Maltin (Lm470) bhala danni sofferti minhabba dewmien zejjed li jinkludu spejjes ta’ transport, hatt u hlas ta’ kera zejda, u spejjes ohra, inkluzi l-ispejjes kollha tal-kontro talba u l-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-attur nomine ghall-kontro talba tal-konvenut, fejn ecepixxa illi 1. it-talbiet tal-konvenut imsemmija fil-kontro talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu; u 2. illi l-ispejjes allegatament inkorsi mill-konvenut mhumiex imputabbli ghal xi dewmien da parti tal-attur nomine, kif ser jigi ppruvat.

Sema’ x-xhieda tal-attur Carlo Salamone.

Ra l-affidavit tal-konvenut Sebastiano Vicario.

Sema x-xhieda ta’ Michael Azzopardi prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Massino di Stefano prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur nomine qieghed jitlob il-hlas tas-somma bilancjali ta’ Lm1240, ekwivalenti ghal elfejn, tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2888.42), prezz ta’ madum u ‘bathrooms’ li gew ordnati mill-konvenut u konsenjati lilu. In sostenn tat-talba tieghu, l-attur ipprezenta sensiela ta’ dokumenti, u cioe l-*quotations* li nghataw lill-konvenut meta huwa kien ordna l-merkanzija, l-istatement tal-hlasijiet li saru mill-konvenut u l-ammont bilancjali li kien ghad fadallu jhallas, u d-*delivery notes* tal-merkanzija konsenjata lill-konvenut.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut, fir-risposta tieghu, qieghed jikkontesta t-talba tal-attur a bazi tas-segwenti:-

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-ammont mitlub mill-attur huwa ezagerat. It-Tribunal pero jidhirlu ma ngabet l-ebda prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni. Li hu zgur huwa li l-konvenut ordna diversi oggetti minghand l-attur, u inghata ‘*quotations*’ tal-prezzijiet ta’ kull oggett li ordna. Dawn il-prezzijiet gew accettati mill-konvenut, u l-merkanzija giet konsenjata lilu.

Ghalhekk ma jistax jinghad f'dan l-istadju illi l-prezzijiet tal-merkanzija huma ezagerati, ghaliex dawn kienu gew accettati mill-konvenut fil-mument meta ordna l-istess merkanzija.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li l-merkanzija wasslet tard ghand il-konvenut u li ma kenitx tal-kwalita' pattwita, t-Tribunal josserva li mkien mill-provi ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim dwar xi data specifika meta kellha tasal il-merkanzija. Il-konvenut fl-affidavit tieghu isemmi li sar xi kuntratt izda dan ma giex esebit. Imkien fuq id-dokumenti ma jidher li kien hemm xi data indikata meta kellha ssir il-konsenja, u ghalhekk alavolja l-konvenut jilmenta li l-merkanzija ma waslitx meta kellha tasal, it-Tribunal mhuwiex konvint li kien hemm xi ftehim specifiku dwar dan. Oltre dan, anki jekk wiehed kellu jaccetta l-ilment tal-konvenut li l-merkanzija waslet tard, din xorta wahda m'ghandhiex twassal ghan-nuqqas ta' hlas tal-bilanc dovut ghaliex meta giet konsenjata lilu, l-konvenut accetta l-merkanzija u uzaha.

Illi dwar jekk il-merkanzija kenitx tal-kwalita' pattwita jew le, anki hawn it-Tribunal josserva li ma hemm l-ebda prova f'dan is-sens. Il-konvenut jilmenta li kien hemm xi nuqqasijiet fl-ammont ordnat, u mbaghad sahansitra jilmenta li kellu izzejjed ghaliex l-attur ordanlu wisq, pero dan bl-ebda mod ma jwassal ghall-konkluzzjoni li l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita. L-attur sempliciment ikkonsenja l-materjal izda ma ezegwiex ix-xogholijiet ta' tqeghid tal-madum u l-*bathrooms* ghaliex dan sar minn terzi persuni mqabbdin mill-konvenut. Jekk dawn ma ghamlux ix-xoghol kif suppost, zgur li m'ghandux jirrispondi l-attur ghal dan in-nuqqas. Di piu, r-rapport ta' Liliana Fabri pprezentat mill-konvenut ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita kif tirrikjedi l-ligi.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni li l-qisien mehudin mill-attur ma kienux precizi, u li kien hemm xi madum zejjed li l-attur ma riedx jiehu lura, t-Tribunal josserva li hemm inkonsistenza serja fix-xhieda tal-konvenut li l-ewwel jilmenta li kien hemm hafna nuqqasijiet fl-ammont ta' madum ordnat, u mbaghad li kien hemm iz-zejjed. Apparti dan, xorta wahda jibqa l-fatt li l-konvenut ordna l-materjal, u jekk ordna iz-zejjed, jew accetta l-ordni bil-madum zejjed, ma jistax jippretendi li ma jhallasx ghal dak minnu ordnat u accettat.

Fl-ahharnett ta' min isemmi li fl-affidavit tieghu stess, il-konvenut jaghti x'jifhem li kien lest li jhallas l-ammont bilancjali dovut minnu, izda kien qed jippretendi li l-ewwel l-attur jiehu lura l-madum zejjed li kien ordna. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, t-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjonijiet mqajjma mill-konvenut huma pjuttost frivoli u mressqin biss biex jipprova jevita l-obbligu tieghu li jhallas.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq imsemmija, t-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda.

Illi permezz tal-kontro talba tieghu, l-konvenut, qed jitlob il-hlas tas-somma ta' Lm470 ekwivalenti ghal elf u erba u disghin Ewro u tmenin centezmu (€1094.80), minghand l-attur bhala danni sofferti minnu minhabba dewmien zejjed. Skond il-konvenut dan l-ammont jinkludi spejjes ta' trasport, hatt u hlas ta' kera zejda u spejjes ohra. Madankollu, l-konvenut ma gab assolutament l-ebda prova ta' xi spejjes inkorsi minnu ghal trasport u hatt, u ghalhekk it-talba tieghu f'dan is-sens ma tistax tigi milqugha.

Rigward il-kera li l-konvenut qed jitlob in linea ta' danni minnu sofferti, t-Tribunal josserva li l-konvenut qieghed jilmenta dwar il-kera li kellu jhallas ghax-xahar ta' Lulju 2005. Madankollu, alavolja huwa ezebixxa l-ircevuti ghax-xhur kollha

ta' kera li hallas, il-konvenut naqas li jezebixxi kopja tal-ircevuta tal-kera ghax-xahar ta' Lulju, u lanqas ma kien f'pozizzjoni li jaghti spjegazzjoni konvincenti ghaliex ma kellux ircevuta tal-kera minnu mhallsa ghax-xahar ta' Lulju. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas li jipprova dak minnu allegat u t-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

(i) Fl-ewwel lok, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kontenuti fir-risposta tieghu, jilqa t-talba tal-attur nomine u b'hekk jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2888.42), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.
(ii) Fit-tieni lok jilqa l-eccezzjonijiet tal-attur kif kontenuti fir-risposta tieghu ghall-kontro talba tal-konvenut, u b'hekk jichad it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu.
(iii) L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji kontestanti l-gudizzju tat-Tribunal li cahadlu kemm l-eccezzjonijiet imressqa b'difiza fil-konfront tat-talba attrici, kif ukoll il-kontro-talba tieghu reklamanti d-danni;

Il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra fl-ewwel lok is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti in meritu ghall-kontro-talba tieghu michuda mit-Tribunal. Il-pretensjoni ta' l-appellanti ghall-konsegwiment tad-danni hi minnu mqeghda f'kuntest ta' tardivita` fil-konsenja ta' l-oggetti ordnati. Ghall-precizazzjoni, b'din il-pretensjoni l-appellanti jallega ksur ta' l-obbligu fil-venditur li jikkunsinna l-haga mibjugha fiz-zmien akkordat;

In linea generali n-nuqqas ta' konsenja taghti lix-xerrej ir-rimedju ta' l-azzjoni ordinarja tar-rizoluzzjoni tal-ftehim jew ta' l-adempiment tieghu in forma specifika. Hu, imbaghad, ukoll principju li jinzel kemm minn disposizzjoni espressa taht l-istitut tal-bejgh, kif ukoll mir-regoli generali tad-dritt dwar l-"Effetti ta' l-Obbligazzjonijiet", illi fil-kazijiet kollha, il-bejjiegh ghandu jigi kundannat ghall-hlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata hsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-haga fiz-zmien miftiehem.  Ara b'mod partikulari Artikolu 1386 tal-Kodici Civili u "**Anthony Richard Calleja *nomine* -vs- Joseph Mamo *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 4 ta' Mejju, 1953;

Issa kif sewwa osserva t-Tribunal fis-sentenza oppunjata, fil-kaz prezenti l-kontraenti ma appattwew ebda zmien li fih kellha ssir il-konsenja, jew almenu ma kienx hekk konvint illi l-oggetti mixtrija ma waslux meta, skond il-konvenut, kellhom jaslu.  Ghal din l-affermazzjoni l-appellanti jikkontesta illi certament, u f'kull kaz, iz-zmien li fih giet kompletata l-kunsinna ma tistax titqies ragonevoli. Huwa jislet dan l-argoment mid-dispost ta' l-Artikolu 1077 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi "meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni din ghandha tigi ezegwita minnufih, izda dan kemm-il darba x-xorta ta' l-obbligazzjoni, jew il-mod li bih ghandha tigi ezegwita, jew il-lok miftiehem ghall-ezekuzzjoni taghha, ma jgibux maghhom il-htiega ta' zmien li, jekk ikun hemm bzonn jigi stabbilit mill-qorti";

Il-predett artikolu li hu ghal kollox konformi ghall-Artikolu 1183 tal-Kodici Civili Taljan hu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** spjegat b'dan il-mod:-

"*Ai sensi dell'art. 1183 c.c. che trova applicazione anche con riguardo all'adempimento del contratto preliminare, la regola dell'immediata esigibilita` della prestazione opera con esclusiva riguardo al caso della mancata determinazione del tempo della medesima, mentre quando il termine non sia stato fissato*

*essendosene rimessa l'individuazione alla volonta di una delle parti, spetta al giudice – con apprezzamento di fatto che si sottrae a controllo di legittimita se correttemente e congruamente motivato – di stabilirlo secondo le circostanze ...*" (**Cass. 28 ta' Novembru 1982, Numru 2744**). Wisq ovvjament, l-intervent tal-Qorti ghad-determinazzjoni taz-zmien ragonevoli ghandu jaspira ruhu ghall-kriterji oggettivi, dipendenti fuq in-natura tal-prestazzjoni u, l-aktar, ta' l-ezekuzzjoni taghha. F'certu sens dak li nghad fil-precitata decizjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana jsib spjegazzjoni wkoll fl-Artikolu generali 1130 (2) tal-Kodici Civili li jghid illi "jekk fil-ftehim ma jkun gie stabbilit ebda zmien, ... id-debitur ... ma jigix imqieghed *in mora* hlief wara li jigi msejjah b'att gudizzjarju";

A propozitu, jinsab ritenut illi "meta konvenzjoni ma tiffissax terminu ghall-adempiment taghha, semplici ritard tad-debitur, ghalkemm prolungat jista' jkun dak ir-ritard, mhux bizzejjed biex id-debitur jigi dikjarat inadempjenti; imma jehtieg li jkun hemm ritard legali, jigifieri li d-debitur ikun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tieghu ghal dak l-effett b'interpellazzjoni permezz ta' att gudizzjarju da parti tal-kreditur". Ara "**Charles Portelli *et* -vs- Joseph Darmanin *et proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar, 1959, trattasi wkoll ta' ordinazzjoni ta' merkanzija li dwarha l-konvenuti, ukoll bhal f'dan il-kaz, allegaw li giet konsenjata tardivament;

Rilevanti wkoll li jigi registrat illi kif jinsab deciz, ankorke l-partijiet ikun qablu li l-merce tigi konsenjata "*as soon as possible*", l-istess tibqa' klawsola "*senza termine, nel quel caso, scorso un tempo ragionevole, il creditore ha il diritto di costituire il debitore in mora, salvo al tribunale di decidere dopo siffatta costituzione in mora, se il termine trascorso fosse stato sufficiente per l'adempimento dell'obbligazione e se la costituzione in mora sia stata fondata o meno, nel caso di contestazione fra i contraenti*" ("**Giuseppe Cilia -vs- Giuseppe di R. Wismayer**", Appell Kummercjali, 13 ta' April, 1921);

Minn dan kollu fil-kaz prezenti l-appellanti ma ghamel xejn u ma pprezenta ebda att gudizzjarju u ebda rikjesta lill-Qorti. Biex jinghad kollox ukoll din il-Qorti ma tarax illi z-zmien traskors bejn l-impjazzar ta' l-ordnijiet varji u l-konsenja jista' jinghad li hu irragjonevoli trattasi ta' oggetti li kellhom necessarjament jigu importati mill-esteru. Raggunta din il-konkluzjoni, mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tintilef f'ezercizzju dwar is-singoli rjus tad-danni pretizi;

Riferibilment ghall-ilmenti ta' l-appellanti kontestanti c-cahda mit-Tribunal ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba ta' l-attur *nomine*, il-Qorti tippremetti illi hi l-impressjoni taghha mill-valutazzjoni tal-provi, u, specjalment, l-Affidavit ta' l-istess appellanti (fol. 43), illi l-appellanti rrikorra ghal dik il-linja difensjonali, b'dawk l-eccezzjonijiet, mhux daqstant ghaliex hu stess kien jemmen mill-fondatezza taghhom izda, pjuttost, ghar-raguni illi hu sab li r-rohs li l-attur *nomine* kien tah fuq l-oggetti ma kienx sufficjenti, li hassu li l-istess attur *nomine* kien ghaddih biz-zmien u li hu tant kien irrabjat li, ghall-interprellazzjonijiet ghall-hlas li sarulu, iddecieda li jhallsu "meta jkun komdu". Ukoll minn dan l-istess affidavit ma jistax jonqos li jigi osservat illi, almenu sa dak l-istadju, minn imkien ma jirrizulta ilment ta' xi difformita fil-kwalita` tal-merce kkonsenjata;

Agguntivament, irid jinghad illi, kif wisq korrettement determinat mit-Tribunal, l-appellanti lanqas irnexxielu jiddizimpenja ruhu mill-oneru inkombenti fuqu li jikkontrasta sewwa u b'mod sodisfacenti t-talba attrici (*reus in excipiendo fit actor*). Huwa zamm l-oggetti lilu konsenjati u sahansitra applikahom ghall-htigijiet tieghu. Ma jidherx li huwa accettabbli, almenu ghal din il-Qorti, illi xerrej jonqos fil-mument fokali tal-konsenja li jaghmel l-ghazliet tieghu kif mill-Artikolu 1390 permess, jonqos ukoll milli jinforma lill-venditur bix-xelta tieghu, jaghmel uzu ta' l-oggett ikkonsenjat u li hu stess iqis mhux tal-kwalita mweghda jew konformi ghall-ftehim, jibqa' ghal kollox

passiv u ma jressaq ebda denunzja biex, aktar tard, ghax rinfaccjat b'domanda ghall-hlas bilancjali tal-prezz, jippretendi li l-venditur kien inadempjenti ghax l-oggett kien inidoneju jew mankanti fil-kwalita` tieghu, u sahansitra jippretendi wkoll minn fuq riduzzjoni fil-prezz;

Ugwalment, ir-ragonament hawn appena maghmul jghodd ghall-konsiderandi tad-difiza ta' l-esagerazzjoni tal-prezz u tal-kejl allegatament zbaljat li ghamel l-attur *nomine*. Addizzjonalment, fil-kaz il-wiehed, id-divarju fil-prezz, ukoll jekk qawwi, bejn il-valur fis-suq ta' l-oggett vendut u l-prezz tieghu, ma humiex, per se, inkompatibbli mill-*causa* tal-kuntratt, u meta jkun accettat, kif inhu hekk il-kaz hawnhekk, il-prezz jobbliga lid-debitur ghall-hlas dovut. Fil-kaz tal-mizurazzjoni li maghha l-appellanti jallaccja l-kwantita zejda tal-madum (ara t-tielet eccezzjoni tieghu) sewwa ddecieda t-Tribunal fejn irrileva l-inkonsistenza fix-xhieda ta' l-appellanti billi minn naha jiddikjara li rceva madum biz-zejjed u minn naha l-ohra jsostni li rceva madum bin-nieqes. Anke hawn il-Qorti jidhrilha li ghandha tissottolineja illi jekk tabilhaqq l-appellanti rceva madum zejjed hu kien messu ghadda ghad-depozitu tieghu la t-tehid lura tieghu gie rifjutat mill-attur u mhux li jzommu ghandu jew ghax l-attur qallu li ma jimpurtahx, jippretendi l-hlas tad-danni meta mitlub ihallas. Ara Affidavit tieghu.

Ghall-motivi kollha dedotti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell fl-aggravji kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------